MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 323/2003

**Melita Insurance Agency Limited**

**vs**

**Fenici Insurance Agency Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Gunju, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elfejn u mija u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm2150.80) rapprezentanti prezz ta' poloz ta' assikurazzjoni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1152/2003 pprezntat fl-4 ta' Gunju, 2003 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' Ammissjoni ghat-talba attrici in kwantu ghas-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltin u tmenin

centezmu (Lm650.80) illi tirraprezenta l-bilanc illi ghadu dovut illum fuq it-talba attrici kif dedotta.

Rat il-verbal ta'llum 16 ta' Gunju, 2004.

Tilqa' t-talba u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm650.80) illi tirraprezenta l-bilanc illi ghadu dovut illum fuq it-talba attrici kif dedotta.
Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------